MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2008

Numru. 485/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

**Jeremy Caruana 22 sena bin Joseph u Carmen nee` Fenech imwieled fil-Pieta` fis-6 ta' Jannar, 1986 u joqghod 169, Triq il-Modd, Mellieha, detentur tal-karta tal-identit` bin-numru 47086(m)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ui cioe` talli f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Lulju 2006 u fix-xhur ta' wara din id-data, malli sar jaf xi haga li kienet fil-pussess tieghu u cioe` apparat cellular ital-marka 'Samsung' kienet giet misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat, naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien

gimgha minn meta hekk sirt taf ghad-dannu ta' Etienne Saliba minn tas-Sliema.

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentamnt laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat mghamulha llum stess ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rifjaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamula mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Izda jidher illi t-tieni akjkuza nghatat bhala wahda alternattiva u kwini l-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat mill-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt illi l-imputat irritorna t-telephone cellulari lil sidha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 334A tal-Kap[ 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li sejra tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza peress li din hija alternattiva ghall-ewwel, issibu hati ta' l-ewwel akkuza u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 46 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------